

31991L0676

31.12.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 375/1

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tat-12 ta' Diċembru 1991****dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli**

(91/676/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-kontenut tan-nitrat fl-ilma ta' wħud miż-żoni ta' l-Istati Membri qiegħed jiżdied u huwa diġà għoli meta paragunat ma' l-istandards stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar il-kwalità meħtieġa fl-ilma tal-wiċċ maħsub għall-ġbir ta' l-ilma tax-xorb fl-Istati Membri <sup>(4)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 79/869/KEE <sup>(5)</sup>, u d-Direttiva tal-Kunsill 80/778/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem <sup>(6)</sup>, kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1985;

Billi r-raba' programm ta' azzjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar l-ambjent <sup>(7)</sup> wera illi l-Kummissjoni kellha l-ħsieb tagħmel proposta għal Direttiva dwar il-kontroll u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-ilma li jirriżulta mit-tixrid jew l-iskarigu ta' l-effluwenti tal-bhejjem tar-rziezet u l-użu eċċessiv tal-fertilizzanti;

Billi r-riforma tal-politika komuni agrikola stabbilita fil-*Green Paper* tal-Kummissjoni "Perspettivi għall-politika komuni agrikola" uriet illi, waqt li l-użu tal-fertilizzanti u tad-demel li jkun fihom in-nitroġenu huwa meħtieġ għall-biedja Komunitarja, l-użu eċċessiv tal-fertilizzant jikkostitwixxi riskju għall-ambjent; illi hija meħtieġa azzjoni komuni għalbiex tikkontrolla l-problema li tirriżulta mill-produzzjoni eċċessiva tal-bhejjem tar-rziezet u li l-politika agrikola għandha tagħti aktar kas tal-politika ambjentali;

Billi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1988 dwar il-protezzjoni tal-Baħar tat-Tramuntana u ta' ibħra oħra fil-Komunità <sup>(8)</sup> tistieden lill-Kummissjoni tagħti proposti għal miżuri fil-livell Komunitarju;

Billi l-kawża prinċipali tat-tniġġis minn sorsi tat-tixrid li jaffettwaw l-ilmijiet Komunitarji hija n-nitrati minn sorsi agrikoli;

<sup>(1)</sup> ĠU C 54, tat-3.3.1989, p. 4 u ĠU C 51, tat-2.3.1990, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU C 158, tas-26.6.1989, p. 487.

<sup>(3)</sup> ĠU C 159, tas-26.6.1989, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 26.

<sup>(5)</sup> ĠU L 271, tad-29.10.1979, p. 44.

<sup>(6)</sup> ĠU L 229, tat-30.8.1980, p. 11.

<sup>(7)</sup> ĠU C 328, tas-7.12.1987, p. 1.

<sup>(8)</sup> ĠU C 209, tad-9.8.1988, p. 3.

Billi huwa għalhekk meħtieġ, sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u r-riżorsi haġġin u l-ekosistemi akwatiċi u sabiex jiġu salvagwardjati l-użi leġittimi l-oħra ta' l-ilma, li jitnaqqas it-tniġġis ta' l-ilma ikkawżat jew imdaħħal bin-nitrati minn sorsi agrikoli u sabiex jiġi prevenut iktar tniġġis bħal dan; billi għal dan il-għan huwa importanti li jittieħdu miżuri dwar il-ħażna u l-applikazzjoni fuq l-art tal-komponenti kollha tan-nitroġenu u dwar il-prattiċi tal-ġestjoni ta' ċerti artijiet;

Billi għaladarba t-tniġġis ta' ilma minħabba n-nitrati fi Stat Membru wieħed jista' jinfluwenza l-ilmijiet fi Stati Membri oħra, hija għalhekk meħtieġa azzjoni fil-livell Komunitarju skond l-Artikolu 130r;

Billi, bl-inkoraġġiment ta' Prattiċi agrikoli tajba, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-ilmijiet kollha b'livell ġenerali ta' protezzjoni kontra t-tniġġis fil-ġejjieni;

Billi ċerti żoni, li jxaqilbu għal ġo ilmijiet vulnerabbli għat-tniġġis minn komponenti tan-nitroġenu, jinħtieġu protezzjoni speċjali;

Billi huwa meħtieġ illi l-Istati Membri jidentifikaw iż-żoni vulnerabbli u jstabilixxu u jimplementaw programmi ta' azzjoni għalbiex inaqqsu t-tniġġis ta' l-ilma mill-komponenti tan-nitroġenu fiż-żoni vulnerabbli;

Billi dawn il-programmi ta' azzjoni għandhom jinkludu miżuri sabiex tiġi limitata l-applikazzjoni fl-art tal-fertilizzanti kollha li fihom in-nitroġenu u b'mod partikolari li jiġu ffixsati limiti speċifiċi sabiex jiġi applikat id-demel tal-bhejjem;

Billi huwa meħtieġ illi jiġu monitorjati l-ilmijiet u li jiġu applikati metodi ta' referenza għall-kejl tal-komponenti tan-nitroġenu sabiex jiġi żgurat illi l-miżuri jkunu effettivi;

Billi huwa magħruf illi l-idroġeoloġija f'ċerti Stati Membri hija hekk illi jistgħu jgħaddu ħafna snin qabel ma miżuri ta' protezzjoni jwasslu għal titjib fil-kwalità ta' l-ilma;

Billi għandu jiġi stabbilit Kumitat sabiex jgħin lill-Kummissjoni f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u sabiex tiġi addattata għall-progress xjentifiku u tekniku;

Billi l-Istati Membri għandhom jstabbilixxu u jippreżentaw lill-Kummissjoni rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;

Billi l-Kummissjoni għandha tirrapporta b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha l-mira li:

- tnaqqas it-tniġġis ta' l-ilma kkawżat jew imdaħħal bin-nitrati minn sorsi agrikoli u
- tipprevjieni aktar tniġġis minn dan.

#### Artikolu 2

Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

- (a) "ilma ta' taħt l-art": ifisser l-ilma kollu li jkun taħt il-wiċċ ta' l-art fiż-żona tas-saturazzjoni u f'kuntatt dirett ma l-art jew mal-ħamrija tal-qiegħ;
- (b) "ilma ħelu": ifisser ilma li jiġri b'mod naturali li għandu konċentrazzjoni baxxa ta' mluħa, li huwa spiss aċċettabbli bħala tajjeb għalbiex jiġi sseparat u ttrattat biex isir ilma tax-xorb;
- (c) "komponent tan-nitroġenu": ifisser kull sustanza li fiha jkun jinsab in-nitroġenu minbarra n-nitroġenu molekulari fil-għamla ta' gass;
- (d) "bhejjem": ifissru l-bhejjem/annimali kollha miżmuma għall-użu jew għall-profit;
- (e) "fertilizzant": ifisser kull sustanza li jkun fiha komponent tan-nitroġenu jew komponenti tan-nitroġenu utilizzati fir-raba għalbiex jgħinu t-tkabbir tal-pjanti u s-siġar; jista' jkun fih id-demel ta' l-annimali, il-fdalijiet mill-farms tal-ħut u l-ħama tad-drenaġġ;
- (f) "fertilizzant kimiku": ifisser kull ferilizzant li jiġi fabbrikat bi proċess industrijali;
- (g) "demel tal-bhejjem": ifisser il-prodotti ta' l-iskart tal-ħmieġ ta' l-intestini tal-bhejjem/annimali jew taħlita tat-tiben ta' taħt il-bhejjem/annimali u prodotti ta' l-iskart tal-ħmieġ ta' l-intestini tal-bhejjem/annimali, saħansitra jekk fil-għamla pproċessata;
- (h) "applikazzjoni fuq l-art": tfisser iż-żieda ta' materjali mal-ħamrija sewwa bit-tixrid fuq il-wiċċ, sewwa bit-tidħil ġewwa l-ħamrija, sewwa bit-tqegħid taħt il-wiċċ u sewwa bit-taħlit mas-saffi tal-wiċċ;
- (i) "ewtrofikazzjoni": tfisser il-għoti tas-sinjurija lill-ilma bil-komponenti tan-nitroġenu, li jwassal għat-tkabbir imgħaġġel ta' l-alka u għamliet ogħla tal-ħajja tal-pjanti hekk li jipproduċu disturbanza mhix mixtieqa fil-bilanċ ta' l-organiżmi li jinsabu fl-ilma u fil-kwalità ta' l-ilma interessat;
- (j) "tniġġis": ifisser l-iskarigu, b'mod dirett jew indirett, tal-komponenti tan-nitroġenu minn sorsi agrikoli fl-ambjent akwaticu, li r-riżultati tiegħu huma hekk illi jikkaġunaw perikli għall-ħajja tal-bniedem, ħsara għar-riżorsi haġġin u għall-ekosistemi ta' l-ilma, ħsara għall-amenitajiet jew interferenza fuq l-użi l-oħra leġittimi ta' l-ilma;
- (k) "żona vulnerabbli": tfisser żona ta' art deskritta skond l-Artikolu 3(2).

### Artikolu 3

1. L-ilmijiet effettwati bit-tniġġis u l-ilmijiet li jistgħu jiġu effettwati bit-tniġġis jekk ma titteħidx azzjoni skond l-Artikolu 5 għandhom jiġu identifikati mill-Istati Membri skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom, f'perjodu taż-żmin ta' sentejn wara n-notifika ta' din id-Direttiva, jinominaw bħala żoni vulnerabbli ż-żoni kollha ta' l-art fit-territorji tagħhom li jxaqilbu lejn l-ilmijiet identifikati skond il-paragrafu I u li jikkontribwixxu għat-tniġġis. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'din in-nominazzjoni inizjali fi żmien sitt xhur.

3. Meta kull tip ta' ilma identifikat minn Stat Membru skond il-paragrafu I jiġi affettwat minn tniġġiż minn ilmijiet minn Stat Membru ieħor li jkunu jxaqilbu b'mod dirett jew indirett għal ġo fih, l-Istati Membri li l-ilmijiet tagħhom ikunu affettwati jistgħu jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-fatti rilevanti.

L-Istati Membri interessati għandhom jorganizzaw, meta xierqa mal-Kummissjoni, l-orkestrazzjoni meħtieġa sabiex jidentifikaw is-sorsi fil-kwistjoni u l-miżuri li jridu jittieħdu għalbiex jipproteġu l-ilmijiet li jkunu affettwati sabiex jiżguraw it-tħaris ta' din id-Direttiva.

4. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jekk meħtieġ jerġgħu jikkonsidraw jew iżidu man-nomini taż-żoni vulnerabbli kif aproprjat, u mill-inqas darba kull erba' snin, sabiex iqisu t-tibdil u l-fatturi li ma setgħux ikunu previsti fin-nomini ta' qabel. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull revjoni jew żieda man-nomini fi żmien sitt xhur.

5. L-Istati Membri għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jidentifikaw żoni vulnerabbli speċifiċi, jekk jistabbilixxu u japplikaw il-programmi ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 5 skond din id-Direttiva fit-territorju kollu tagħhom.

### Artikolu 4

1. Bil-għan li jipprovdu għall-ilmijiet kollha livell ġenerali ta' protezzjoni kontra t-tniġġis, l-Istati Membri għandhom, f'perjodu taż-żmien ta' sentejn wara n-notifika ta' din id-Direttiva:

- (a) jistabbilixxu kodiċi jew kodiċijiet ta' Prattika Agrikola Tajba, li għandhom jiġu mħaddma mill-bdiewa fuq bażi volontarja, li għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li jkopru mill-inqas l-intestaturi msemmija fl-Anness II A;
- (b) jistabbilixxu meta meħtieġ programm, li jinkludi l-provediment tat-taħriġ u t-tagħrif għall-bdiewa, li jippromwovi t-tħaddim tal-kodiċi/jiet ta' Prattika Agrikola Tajba.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni d-dettalji tal-kodiċijiet tagħhom ta' Prattika Agrikola Tajba u l-Kummissjoni għandha tinkludi t-tagħrif dwar dawn il-kodiċijiet fir-rapport riferit fl-Artikolu 11. Fid-dawl tat-tagħrif li tkun irċeviet, il-Kummissjoni tista', jekk tikkunsidrahom meħtieġa, tagħmel il-proposti xierqa lill-Kunsill.

### Artikolu 5

1. Fil-perjodu taż-żmien ta' sentejn wara n-nomini inizjali riferiti fl-Artikolu 3(2) jew fi żmien sena minn kull nomina addizzjonali riferita fl-Artikolu 3(4), l-Istati Membri għandhom, bl-iskop li jilhqgħu l-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 1, jistabbilixxu programmi ta' azzjoni rigward iż-żoni nnominati vulnerabbli.

2. Programm ta' azzjoni jista' jkollu x'jaqsam maż-żoni vulnerabbli kollha fit-territorju ta' Istat Membru jew, meta l-Istat Membru jqisha ħaġa xierqa, jistgħu jiġu stabbiliti programmi differenti għal żoni vulnerabbli differenti jew partijiet ta' żoni.

3. Il-Programmi ta' azzjoni għandhom iqisu:

- (a) l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli, b'mod partikolari b'riferiment għall-kontribuzzjonijiet tan-nitroġenu rispettivi ġejjin minn sorsi agrikoli jew minn sorsi oħra;
- (b) il-kondizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni rilevanti ta' l-Istat Membru interessat.

4. Il-programmi ta' azzjoni għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin minn meta jiġu stabbiliti u għandhom jikkonsistu mill-miżuri obligatorji li ġejjin:

- (a) il-miżuri fl-Anness III;
- (b) dawk il-miżuri li l-Istati Membri jkunu stabbilew fil-kodiċi/jiet ta' Prattika Agrikola Tajba stabbiliti skond l-Artikolu 4, għajr dawk li posthom ikun ġie meħud mill-miżuri fl-Anness III.

5. L-Istati Membri għandhom barra minn hekk jieħdu, fil-qafas tal-programmi ta' azzjoni, dawk il-miżuri addizzjonali jew azzjonijiet imsaħħa li jqisu li huma meħtieġa jekk, fil-bidu jew fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' azzjoni, ikun jidher biċ-ċar illi l-miżuri msemmija fil-paragrafu 4 ma jkunux biżżejjed għalbiex jinkisbu l-miri speċifikati fl-Artikolu 1. Fil-għażla ta' dawn il-miżuri jew azzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iqisu l-effiċjenza tagħhom u l-ispejjeż tagħhom fejn għandhom x'jaqsmu l-miżuri preventivi l-oħra possibbli.

6. L-Istati Membri għandhom ifasslu u jimplimentaw programmi ta' monitoraġġ xieraq sabiex jivalutaw l-effiċjenza tal-programmi ta' azzjoni stabbiliti skond dan l-Artikolu.

L-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 5 fit-territorju tagħhom kollu għandhom jimmonitorjaw il-kontenut tan-nitrat fl-ilma (l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art) f'lokalitajiet magħżula għall-kejl li jagħmluha possibbli li jiġi stabbilit l-ammont tat-tniġġis min-nitrat fl-ilmijiet minn sorsi agricoli.

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jekk meħtieġ jikkorreġu l-programmi ta' azzjoni tagħhom, inkluża kull miżura addizzjonali meħuda skond il-paragrafu 5, mill-inqas kull erba' snin. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b' kull tibdil fil-programmi ta' azzjoni.

#### Artikolu 6

1. Bil-għan tan-nominazzjoni u l-korrezzjoni tan-nomini taż-żoni vulnerabbli, l-Istati Membri għandhom:

- (a) fi żmien sentejn min-notifika tad-Direttiva, jimmonitorjaw il-konċentrazzjoni tan-nitrat fl-ilma ħelu għall-perjodu taż-żmien ta' sena:
  - (i) fl-istazzjonijiet tat-teħid ta' kampjuni ta' l-ilma tal-wiċċ, stabbiliti fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 75/440/KEE u/jew fi stazzjonijiet oħra ta' teħid tal-kampjuni li huma rappreżentattivi ta' ilmijiet tal-wiċċ ta' l-Istati Membri, mill-inqas darba fix-xahar u aktar spiss fil-perjodi taż-żmien ta' l-għargħar;
  - (ii) fl-istazzjonijiet tat-teħid tal-kampjuni li huma rappreżentattivi ta' l-akwiferi ta' l-ilma ta' taħt l-art ta' l-Istati Membri, f'intervalli regolari u jagħtu kas tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/778/KEE;
- (b) jirrepetu l-programm ta' monitoraġġ deskritt fil-qosor f(a) mill-inqas kull erba' snin, għajr għal dawk l-istazzjonijiet tat-teħid tal-kampjuni fejn il-konċentrazzjoni tan-nitrat fil-kampjuni kollha ta' qabel kienet taħt il-25 mg/l u fejn ma jkun deher l-ebda fattur ġdid li x'aktarx iżid il-kontenut tan-nitrat, fejn, f'dan il-każ, il-programm tal-monitoraġġ jeħtieġ jiġi mtenni biss kull tmien snin;
- (ċ) jirrevedu l-istat ewtrofiku ta' l-ilma ħelu tagħhom tal-wiċċ, l-ilmijiet estwarji u l-ilmijiet kostali kull erba' snin.

2. Għandhom jintużaw il-metodi ta' referenza għall-kejl iddikjarati fl-Anness IV.

#### Artikolu 7

Jistgħu jitfasslu linji gwida għall-monitoraġġ riferit fl-Artikoli 5 u 6 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9.

#### Artikolu 8

L-Annessi ma' din id-Direttiva jistgħu jiġu addattati għall-progress xjentifiku u tekniku skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9.

#### Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresjedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kummissjoni abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz f'limitu taż-żmien li l-President tiegħu jista' jstabilixxi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat tal-KEE fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom ikunu ppeżati fl-istess manjiera stabbilita f'dan l-Artikolu. Il-president ma għandu jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri previsti jekk ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri previsti ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħata opinjoni, il-Kummissjoni għandha, bla dewmien, tissottometti lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

(ċ) Jekk, meta jiskadi l-perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mid-data tar-riferiment lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx ħa azzjoni, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, għajr fejn il-Kunsill ikun iddeċieda kontra l-miżuri msemmija b'maġġoranza sempliċi

#### Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom, rigward il-perjodu taż-żmien ta' erba' snin wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni u rigward kull perjodu taż-żmien ta' erba' snin li jiġu wara, jissottometti rapport lill-Kummissjoni li jkun fih it-tagħrif deskritt fil-qosor fl-Anness V.

2. Għandu jiġi ssottomess lill-Kummissjoni rapport skond dan l-Artikolu fi żmien sitt xhur mit-tmiem tal-perjodu taż-żmien li miegħu jkollu x'jaqsam.

#### Artikolu 11

Fuq il-bażi tat-tagħrif riċevut skond l-Artikolu 10, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapporti fil-qosor fi żmien sitt xhur minn meta jaslulha r-rapporti mill-Istati Membri u għandha tikkomunikahom lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fid-dawl ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Kunsill sa l-1 ta' Jannar 1998 rapport akkumpanjat meta jixraq bi proposti għal reviżjoni ta' din id-Direttiva.

#### Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa

sabiex iħarsu din id-Direttiva fi żmien sentejn min-notifika tagħha <sup>(1)</sup>. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih:

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-kamp irregolat minn din id-Direttiva.

### Artikolu 13

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-12 ta' Diċembru 1991.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. G. M. ALDERS

---

<sup>(1)</sup> Din id-Direttiva ġiet innotifikata lill-Istati Membri fid-19 ta' Diċembru 1991.

## ANNEX 1

**IL-KRITERJI SABIEX JIĠU IDENTIFIKATI L-ILMIJET IMSEMMIJA F'L-ARTIKOLU 3(1)**

- A. L-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 3(1) għandhom jiġu identifikati billi jintużaw, fost ħwejjeġ oħra, il-kriterji li ġejjin:
1. jekk l-ilma ħelu tal-wiċċ, b'mod partikolari dak użat jew maħsub għalbiex minnu jittieħed l-ilma tax-xorb, ikunx fih jew jistax ikun fih jew le, jekk ma tittehditx l-azzjoni skond l-Artikolu 5, aktar mill-konċentrazzjoni ta' nitrati stabbiliti skond id-Direttiva 75/440/KEE;
  2. jekk l-ilma ta' taħt l-art ikunx fih jew le aktar minn 50 mg/l nitrati jew jistax ikun fih jew le aktar minn 50 mg/l nitrati jekk ma titteħidx l-azzjoni skond l-Artikolu 5;
  3. jekk l-għadajjar naturali ta' l-ilma ħelu, korpi oħra ta' l-ilma ħelu, l-estwarji, l-ibħra kostali u l-ilma baħar jinstabu li huma ewtrofiċi jew jistgħu jsiru ewtrofiċi fil-futur qrib jekk ma titteħidx l-azzjoni skond l-Artikolu 5.
- B. Meta japplikaw dawn il-kriterji, l-Istati Membri għandhom iqisu wkoll:
1. il-karatteristiċi fiżiċi u ambjentali ta' l-ilmijiet u ta' l-art;
  2. il-għarfien korrenti ta' l-imġiba tal-komponenti tan-nitroġenu fl-ambjent (fl-ilma u fil-ħamrija);
  3. il-għarfien korrenti ta' l-impatt ta' l-azzjoni meħuda skond l-Artikolu 5.
-

## ANNEX II

**IL-KODIĊI(JIET) TA' PRATTIKA AGRIKOLA TAJBA**

- A. Kodiċi jew kodiċijiet ta' prattika agrikola tajba bil-mira li jitnaqqas it-tniġġis min-nitrati u jingħata kas tal-kondizzjonijiet fir-reġjuni differenti tal-Komunità għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li jkopru l-intestaturi li ġejjin, sakemm ikunu rilevanti:
1. il-perjodi taż-żmien meta l-applikazzjoni ta' fertilizzant fir-raba tkun barra minn lokha;
  2. l-applikazzjoni ta' fertilizzant fuq art b'xaqliba wieqfa ħafna;
  3. l-applikazzjoni ta' fertilizzant fuq art mifqugħa bl-ilma, imgħarrqa, iffriżata jew miksija bil-borra;
  4. il-kondizzjonijiet sabiex jiġi applikat il-fertilizzant fir-raba' qrib il-korsijiet ta' ilma;
  5. il-kapaċità u l-kostruzzjoni tal-kontenituri li jaħżnu d-demel ta' l-annimali, inklużi miżuri li jipprevjenu t-tniġġis ta' ilma meta l-likwidi li jkun fihom id-demel tal-bhejjem tar-rieżet u l-effluwenti mill-materjali tal-pjanti maħżuna bħall-għalf tal-ħaxix, jiskulaw jew inixxu fl-ilma ta' taħt l-art u l-ilma tal-wiċċ;
  6. il-proċeduri sabiex jiġu applikati fir-raba, inklużi r-rata u l-uniformità tat-tferrix, kemm tal-fertilizzanti kimiċi u kemm tad-demel ta' l-annimali, li żżomm it-telf tan-nutrijenti fl-ilma għal livell aċċettabbli.
- B. L-Istati Membri jistgħu ukoll jinkludu fil-kodiċj/jiet ta' prattiċi agrikoli tajba l-intestaturi li ġejjin:
7. il-ġestjoni ta' l-użu ta' l-art, inklużi s-sistemi tan-newba u l-proporzjon tad-daqs ta' l-art mogħtija għall-prodotti li ma jidbiddlux skond kif għandhomu x'jaqsmu l-uċuh tar-raba maħdum kull sena;
  8. iż-żamma ta' kwantità minima ta' kiswa ta' ħaxix matul il-perjodi taż-żmien (tax-xita) li tixrob in-nitroġenu mill-ħamrija li li kieku xorta oħra kien jista' jikkawża t-tniġġis minn-nitrat fl-ilma;
  9. kif jiġu stabbiliti l-pjani tal-għoti tal-ferilizzant fuq il-bażi ta' għalqa b'għalqa u iż-żamma tar-reġistrazzjonijiet dwar l-użu tal-ferilizzant;
  10. il-prevenzjoni tat-tniġġiż ta' l-ilma meta dan jiskula u meta l-moviment tiegħu jinżel iktar fil-fond mill-għerug tal-wiċċ fis-sistemi tat-tisqija.

## ANNEX III

**IL-MIŻURI LI GĦANDHOM JIĠU NKLUŻI FIL-PROGRAMMI TA' AZZJONI SKOND  
L-ARTIKOLU 5(4)(a)**

1. Il-miżuri għandhom jinkludu regoli li għandhom x' jaqsmu ma':
  1. il-perjodi taż-żmien meta l-applikazzjoni fir-raba ta' ċerti tipi ta' fertilizzanti hija projbita;
  2. il-kapaċità tal-kontenituri tal-ħażna tad-demel ta' l-annimali; din il-kapaċità għandha taqbeż dik meħtieġa għall-ħażna matul l-itwal perjodu taż-żmien li matulu tkun ipprojbita l-applikazzjoni fir-raba fiż-żona vulnerabbli, għajr fejn jista' jintwera lill-awtoritajiet kompetenti illi kull kwantità ta' demel li taqbeż il-kapaċità attwali tal-ħażna tiġi disponuta b'manjera li ma tikkawżax ħsara lill-ambjent;
  3. il-limitazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-fertilizzanti fir-raba, konsistenti mal-prattika agrikola tajba u li tqis il-karatteristiċi taż-żona vulnerabbli interessata, b'mod partikolari:
    - (a) il-kondizzjonijiet tal-ħamrija, it-tip tal-ħamrija, u l-pendil;
    - (b) il-kondizzjonijiet klimatiċi, ix-xita u t-tisqija;
    - (ċ) l-użu ta' l-art u l-prattiċi agrikoli, inklużi s-sistemi tan-newba;
 u li jridu jkunu msejsai fuq bilanċ bejn:
    - (i) il-ħtiġiet imbassra tan-nitroġenu ta' l-uċuħ tar-raba',  
u
    - (ii) il-forniment tan-nitroġenu lill-uċuħ mill-ħamrija u mill-fertilizzant li jikkorrispondi għal:
      - l-ammont tan-nitroġenu li jkun jinsab fil-ħamrija fil-waqt meta l-prodott jibda jużah f'qies sinifikanti (fammonti konsiderevoli fit-tmiem tax-xitwa),
      - il-forniment tan-nitroġenu permezz tal-mineralizzazzjoni netta tar-riservi tan-nitroġenu organiku fil-ħamrija,
      - iż-żidiet tal-komposti tan-nitroġenu minn fertilizzanti kimiċi u oħrajn.
2. Dawn il-miżuri jridu jiżguraw illi għal kull razzett jew unità ta' bhima, l-ammont tad-demel ta' l-annimali applikat kull sena fuq l-art, inkluż dak mill-annimali nfushom, ma għandux jaqbeż ammont speċifiku għal kull ettaru.  
L-ammont speċifikat għal kull ettaru għandu jkun l-ammont tad-demel li jkun fih 170 kg N. Madankollu:
  - (a) għall-ewwel programm ta' azzjoni ta' erba' snin l-Istati Membri jistgħu jippermettu ammont ta' demel li jkun fih sa 210 kg N;
  - (b) matul u wara l-ewwel programm ta' azzjoni ta' erba' snin, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw ammonti differenti minn dawk riferiti hawn fuq. Dawn l-ammonti jridu ikunu ffissati b'mod li ma jippreġudikawx il-miri speċifikati fl-Artikolu 1 u għandhom jiġu ġġustifikati fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, per eżempju:
    - l-istaġuni ta' tkabbir fit-tul,
    - l-uċuħ tar-raba li jixorbu ħafna nitroġenu,
    - preċipitazzjoni għolja netta fiż-żona vulnerabbli,
    - ħamrija b'kapaċità eċċezzjonalment għolja ta' denitrifikazzjoni.
 Jekk Stat Membru jippermetti ammont differenti taħt is-sottoparagrafu (b), għandu jgħarraf lill-Kummissjoni li għandha teżamina l-ġustifikazzjoni skond il-proċedura stabbiliti fl-Artikolu 9.
3. L-Istati Membri jistgħu jikkalkolaw l-ammonti msemmija fil-paragrafu 2 fuq il-bażi tan-numri ta' l-annmali.
4. L-Istati Membri għandhom jgħarraf lill-Kummissjoni bil-mod kif ikunu qegħdin japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2. Fid-dawl tat-tagħrif li tirċievi, il-Kummissjoni tista', jekk tqis meħtieġ, tagħmel proposti xierqa lill-Kunsill skond l-Artikolu 11.



## ANNEX IV

**IL-METODI TA' REFERENZA GĦALL-KEJL****Il-fertilizzant kimiku**

Il-komposti tan- nitroġenu għandhom jitkejlu billi jintuża l-metodu deskritt fid-Direttiva tal-Kummissjoni 7/535/KEE tat-22 ta' Ġunju 1977 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-metodi tat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi tal-fertilizzanti <sup>(1)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 89/519/KEE <sup>(2)</sup>.

**L-ilma ħelu, l-ilma kostali u l-ilma baħar**

Il-konċentrazzjoni tan-nitrat għandha tkun imkejla skond l-Artikolu 4a (3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 77/795/KEE tat-12 ta' Diċembru 1977 li tistabbilixxi proċedura komuni għall-iskambju tat-tagħrif dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu tal-wiċċ fil-Komunità <sup>(3)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 86/574/KEE <sup>(4)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 213, tat-22.8.1977, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 265, tat-12.9.1989, p. 30.

<sup>(3)</sup> ĠU L 334, ta' l-24.12.1977, p. 29.

<sup>(4)</sup> ĠU L 335, tat-28.11.1986, p. 44.

## ANNEX V

**IT-TAGĦRIF LI JURID IKUN JINSAB FIR-RAPPORTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10**

1. Prospett ta' l-azzjoni preventiva meħuda skond l-Artikolu 4.
  2. Mappa li turi dan li ġej:
    - (a) l-ilmijiet identifikati skond l-Artikolu 3(1) u l-Anness I li tindika għal kull tip ta' ilma liema mill-kriterji fl-Anness I kien użat għall-iskop ta' l-identifikazzjoni;
    - (b) il-lokazzjoni taż-żoni meqjusa vulnerabbli, bid-distinzjoni bejn żoni eżistenti u żoni nominati mir-rapport ta' qabel.
  3. Sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ miksub skond l-Artikolu 6, inkluż prospett tal-konsiderazzjonijiet li wasslu għan-nomina ta' kull żona vulnerabbli u ta' kull reviżjoni tan-nomina taż-żoni vulnerabbli jew żieda magħhom.
  4. Sommarju tal-programmi ta' azzjoni imfassla skond l-Artikolu 5 u, b'mod partikolari:
    - (a) il-miżuri meħtieġa skond l-Artikolu 5(4)(a) u (b);
    - (b) it-tagħrif mitlub minn l-Anness III (4);
    - (ċ) kull miżura addizzjonali jew azzjonijiet imsaħħa meħuda skond l-Artikolu 5(5);
    - (d) sommarju tar-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ imħaddma skond l-Artikolu 5(6);
    - (e) is-suppożizzjonijiet magħmula mill-Istati Membri dwar iż-żmien li fih l-ilmijiet identifikati skond l-Artikolu 3(1) ikunu x'aktarx mistennija jwieġbu għall-miżura fil-programm ta' azzjoni, flimkien ma' indikazzjoni tal-livell ta' inċertezza imdaħħla f'dawn is-suppożizzjonijiet.
-